

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2017 – QuaMa Quality Management vs EUIPO – Microchip Technology (medjalbo)**

(Kawża T-225/15) <sup>(1)</sup>

[“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali medjalbo — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti MediaLB — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 41(1) tar-Regolament Nru 207/2009 — Reġistrazzjoni tat-trasferiment tat-trade mark — Artikolu 17(7) tar-Regolament Nru 207/2009*”]

(2017/C 063/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: QuaMa Quality Management GmbH (Glashütten, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Russ, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Fischer, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Microchip Technology, Inc. (Chandler, Arizona, l-Istati Uniti) (rappreżentant: C. Bergmann, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tad-19 ta' Frar 2015 (Każijiet magħquda R 1809/2014-4 u R 1680/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Microchip Technology u Alexander Bopp.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) QuaMa Quality Management GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 228, 13.7.2015.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Novembru 2016 – Speciality Drinks vs EUIPO – William Grant (CLAN)**

(Kawża T-250/15) <sup>(1)</sup>

[“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea CLAN — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea preċedenti CLAN MACGREGOR — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Xebh tal-prodotti kkonċernati mis-sinjali kunfliġġenti — Pubbliku rilevanti — Interdipendenza tal-kriterji — Setgħa ta’ bidla — Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru 207/2009*”]

(2017/C 063/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Speciality Drinks Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: G. Pritchard, barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Vuijst, A. Folliard-Monguiral u M. Rajh, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: William Grant & Sons Ltd (Dufftown, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: J. Cormack u G. Anderson, solicitors)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' Marzu 2015 (Każ R 220/2014-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn William Grant & Sons u Speciality Drinks.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Speciality Drinks Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 245, 27.7.2015.

---

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Jannar 2017 – Morgan & Morgan vs EUIPO – Grupu Morgan & Morgan (Morgan & Morgan)

(Kawża T-399/15) <sup>(1)</sup>

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva Morgan & Morgan — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti MMG TRUST MIEMBRO DEL GRUPO MORGAN & MORGAN — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]

(2017/C 063/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Morgan & Morgan Srl International Insurance Brokers (Conegliano, l-Italja) (rappreżentanti: F. Caricato u F. Gatti, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Crespo Carrillo u C. Martini, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Grupu Morgan & Morgan (Panama, il-Panama)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Mejju 2015 (Każ R 1657/2014-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Grupu Morgan & Morgan u Morgan & Morgan International Insurance Brokers.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Morgan & Morgan Srl International Insurance Brokers hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 311, 21.9.2015.